MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 49/2008

**A B**

**-vs-**

**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ippreżentata fid-29 ta’ Frar 2012 li permezz tiegħu r-rikorrenti talab li l-ewwel talba tiegħu, u ċjoe’ dik għad-dikjarazzjoni tas-separazzjoni bejn il-kontendenti tiġi konvertita f’talba għal divorzju;

Rat ir-risposta tal-konvenuta ppreżentata fit-28 ta’ Marzu 2012 li permezz tagħha opponiet għal din it-talba:

Rat il-verbal tas-seduta tal-ewwel ta’ Ġunju 2012 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza fuq din it-talba;

Rat l-artikolu 66 tal-Kodiċi Ċivili;

Ikkunsidrat;

Illi kif ġja' ndikat ir-rikorrenti qed jitlob li t-talba tiegħu għal separazzjoni tiġi meqjusa bħala waħda ta' divorzju;

Illi minn eżami tal-proċess jidher ċar għall-Qorti li r-rekwiżiti ndikati mill-artikolu 66 B tal-Kodiċi Ċivili huma sodisfatti – il-partijiet ilhom għall-inqas mill-2008 jgħixu separatament, ma hemmx l-iċken tama għal rikonċiljazzjoni, u l-attur dejjem ħallas il-manteniment ordnat mill-Qorti *pendente lite.* Dan anke jirriżulta mill-istess risposta tal-konvenuta li għalkemm qed topponi għat-talba, ma ndikatx raġuni waħda skond il-liġi għaliex il-Qorti ma għandhiex taċċedi għat-talba in kwistjoni iżda r-risposta hija mimlija bl-istess argument li l-konvenuta ilha ssemmi mill-bidu tal-kawża, li pero' assolutament ma għandhom x'jaqsmu xejn ma' din it-talba.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' t-talba u tordna li *ai termini* tal-Artikolu 66F tal-Kodiċi Ċivili t-talba tal-attur għal separazzjoni titqies bħala waħda għal divorzju bejn il-kontendenti.**

**L-ispejjeż ta' din is-sentenza jkunu bla taxxa.**

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------